MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 989/2002

**Jennifer Vella.**

**-vs-**

**Mario Vella.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet huma mizzewgin u prezentement jinsabu fi proceduri ta' separazzjoni personali.

Illi l-partijiet ikkostitwew bhala d-dar matrimonjali taghhom il-fond bl-isem "Raindrops", gewwa Triq il-Kurunazzjoni, Mosta.

U illi l-attrici kellha access liberu ghall-imsemmija dar u ghall-garaxx adjacenti l-istess dar.

U illi ricentement, u cioe' wara t-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnejn (2002), il-konvenut b'mod unilaterali u klandestin bidel is-serretura tal-imsemmija dar matrimonali u tal-garaxx adjacenti u b'hekk qed jigi impedut il-liberu access ghall-attrici.

U illi bl-agir tal-konvenut l-attrici u uliedha minuri ta' sitt (6) snin u disa' (9) snin gew imsakkra barra minn darhom u sahansitra l-attrici lanqas inghatat il-fakolta' li tigbor hwejjigha u hwejjeg uliedha.

U illi dan l-agir illecitu da parti tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront ta' l-attrici.

U illi sa llum il-konvenut ghadu ma irripristinax l-access li kellha l-attrici ghad-dar matrimonjali.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront ta' l-attrici billi bidel is-serratura li ssakkar il-bieb tad-dar matrimonjali, u cioe' il-fond bl-isem “Raindrops”, gewwa Triq il-Kurunazzjoni, il-Mosta, u tal-garaxx adjacenti.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jnehhi kull xkiel ghall-access ta' l-attrici ghall-imsemmi fond u garaxx, billi *inter alia* jikkonsenjalha kopja tac-cwievet ta' l-istess.

3. Tawtorizza lill-attrici sabiex, fin-nuqqas tal-konvenut u a spejjez ta' l-istess konvenut, taghmel hi x-xogholijiet necessarji u dan taht is-supervizjoni ta' perit nominandi, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghad-danni u ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fl-20 ta' Frar, 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali fid-19 ta' Awissu 2002 u kienet kriet post biex tmur tghix ghaliha ma' uliedhom Bonemm Apartments, Flat 2, St. Publius Street, Burmarrad u dan kif tixhed ittra ta' uliedu minuri Martina u Gabriele li kopja taghha qed tigi esebita Dokument A.

2. Illi l-attrici giet awtorizzata biex tipprocedi ghas-separazzjoni minn ma' zewgha skond digriet numru 1196/2002 degretat fid-9 ta' Lulju 2002 pero' ma gietx awtorizata biex tghix fid-dar ad eskluzzjoni ta' zewgha.

3. Illi l-attrici ma ridietx tkompli tghix fid-dar konjugali u telqet minn hemm ma uliedhom minuri ad insaputa ma' zewgha u marret tghix f'Burmarrad fejn qeghda f'relezzjoni ma' Joseph Vella- Ta' Natu.

4. Illi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-Ligi ta' l-ispoll stante li l-attrici telqet minn raghja mid-dar in kwistjoni u ghalhekk ma jikkonkorux l-elementi ta' 'possedesse' u ta' l-'ispoljatum fuisee' stante illi l-konvenut ma ghamel xejn biex cahhadha minn hwejjigha la vjolentment u lanqas klandestinament imma dan ghamlitu sua sponte.

5. Illi bi tluq mid-dar imsemmija fic-citazzjoni u bil-fatt li hija marret tabita xi mkien iehor hija ma kienx ghad

fadlilha detensjoni tad-dar imsemmija fejn baqgha jghix zewgha wahdu sal-gurnata tal-lum.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-attrici qed issostni illi l-konvenut zewgha kkometta spoll billi bidel is-serratura tad-djar konjugali fit-18 ta' Awissu, 2002.

Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess;**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attrici; u**

**3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenut f'din il-kawza ressaq diversi eccezzjonijiet li ser jigu trattati iktar il-quddiem.

Fis-sentenza <u>Delia vs Schembri</u> (Prim Awla - 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x' ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika*

*ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata .. jaghmel ghad-dannu ta' tterza persuna att li ghalkemm jista jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe' pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-Ligi f' idejh; b' mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

Kif ukoll gie ritenut;

*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghlhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*

Fil-kaz in ezami l-azzjoni li tat lok ghal din il-kawza grat wara li l-attrici telqet mid-dar wara disgwid bejn il-kontendenti li infatti lok ghal proceduri ta' separazzjoni. Hija intavolat il-proceduri fl-allura Sekond Awla tal-Qorti Civili f'April tas-sena 2000 u d-digriet relattiv inghata fid-9 ta' Lulju tal-istess sena. Ftit iktar minn xahar wara l-konvenut bidel is-serratura tad-dar

konjugali. Il-konvenut infatti mhux qed jichad dan izda qed jghid li billi martu telqet mid-dar tilfet kull pussess li jintitolaha ghall-azzjoni ta' spoll. Il-konvenut qed jghid ukoll li d-digriet tas-Sekond'Awla ma jaghti ebda dritt lill-attrici li tghix fid-dar ad eskluzjoni tieghu. Dan hu minnu izda fl-istess waqt l-istess digriet ma jaghti dan id-dritt lanqas lilu.

Illum hu pacifiku li azzjoni ta' spoll tista' ssir bejn il-mizzewgin infatti il-konvenut ma ressaq ebda eccezjoni f'dan is-sens. Wiehed ghalhekk irid jara jekk it-tlett elementi biex l-azzjoni tirnexxi humiex prezenti.

Il-pussess hu l-iktar element kontestat f'din il-kawza. Il-konvenut qed jghid li ladarba l-attrici telqet mid-dar konjugali hija irrinunzjat ghall-pussess taghha. Kif inghad fil-kawza flismijiet J.Vassallo Gatt vs J.Camilleri (LXXX.ii.306) hu mehtieg li jintwera li meta saret l-azzjoni lamentata l-attur irid ikun *fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt*. Sal-mument li l-attrici kellha c-cavetta u ghalhekk l-access ghad-dar konjugali hija kien ghadha fil-pussess tal-fond. Hu car li l-attrici zammet ic-cavetta ghaliex kien ghad jonqosha xi hwejjeg fid-dar. Skond id-deposizzjoni taghha (Fol 24 tal-process) hija hasset illi ma setghetx tibqa' d-dar u ghalhekk iddecidiet li titlaq. Fil-jum in kwistjoni pero' meta marret tiftah skopriet li ma setghetx taghmel dan ghaliex il-konvenut kien bidel is-serratura. Il-fatt li hija kienet ghamlet arrangamenti biex tmur toqghod band'ohra ma jfissirx illi rrilaxat il-pussess tal-fond in kwistjoni. Il-Qorti thoss li l-fatt stess li ddeteniet ic-cavetta jindika pussess ghaliex hemm il-possibilita' tal-access u meta persuna zzomm cavetta ta' fond dan isir bl-iskop li meta jkollha bzonn tkun tista' tidhol. Il-konvenut stess a Fol 36 tal-process ammetta li "*kull ma qaltli li riedet tidhol id-dar biex tiehu xi affarijiet li ghandha tiehu*".

Kwantu ghall-fatt li sar it-tibdil tas-serratura da parti tal-konvenut dan mhux kontestat. Wiehed jifhem li l-konvenut

seta’ kellu xi biza li ladarba l-attrici telqet mid-dar, ic-cavetta setghet issib ruhha ghand terzi, izda ma setax jiehu l-Ligi b’idejh u jaqbad u jibdilha hu. Kellu u ghad ghandu mezzi legali biex jigi awtorizzat jaghmel dan.

Kwantu ghat-tielet element, ma hemmx kwistjoni li l-kawza giet intavolata entro’ x-xahrejn kif provdut fl-artiklu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex l-ispoll gie konsumat f’Awwissu u l-azzjoni ntavolata fit-2 ta’ Settembru, 2002.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijet kollha tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l- konvenut ikkometta spoll fil-konfront tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien xahar inehhi kull xkiel biex l-attrici tidhol fil-fond u garaxx imsemmi u fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici taghmel dan a spejjes tal- konvenut. Ix-xoghol f’dan il-kaz ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-AIC Frederick Doublet.**

**L-ispejjes tal-kawza jkunu kollha  a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------